**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 84/2021 RM**

**Conrad Borg Manche'**

**-Vs-**

**Shaun Farrugia**

**Illum, 19 ta' April 2023**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat minn Conrad Borg Manche' fir-Reġistru tal-Qorti fit-12 ta' April 2021 fejn talab li l-konvenut Shaun Farrugia jiġi kkundannat iħallsu prevja d-dikjarazzjoni ta' din il-Qorti illi f'okkażjonijiet matul dan l-aħħar zmien u partikolarment fl-14 ta' Marza 2021, permezz ta' post mtella' fuq is-sit ta' medja soċjali Facebook, liema kontenut jista' jiġi aċċessat minn kullħadd liberament li jikkostitwixxi mezz li bih kliem jew immaġini viżwali jistgħu jinstemgħu jew jiġu perċepiti, bil-ħsieb li jagħmel ħsara lir-rikorrent u li jtelliflu gieħu, l-intimat wettaq malafama u/jew libell u/jew inġurja gravi fil-konfront tal-istess rikorrent u dan billi *inter alia*, bl-aktar mod invertier akkużaħ li "jintogħġob mar-Rettur tal-Universita' biex jgħaddi mill-eżami" u dan kif jirriżulta aħjar mid-dokumenti annessi.

Tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lir-rikorrent dik is-somma li jogħġobha tistabbilixxi din il-Qorti in linea ta' danni attwali u morali għall-malafama gravi subita u dan a tenur tal-Artikolu 9 tal-Kapitolu 579 tal-Liġijiet ta' Malta, liema somma ma teċċedix il-ħmistax-il elf Euro (€15,000).

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali kontra l-intimat, li huwa minn inġunt in subizzjoni.

Rat ir-Risposta ppreżentata mill-konvenut Shaun Farrugia fil-19 ta' Mejju 2021, fejn eċċepixxa;

"*illi talbiete tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda billi l-pubblikazzjoni tammonta ghall-fair comment dwar fatti sostanzjalment veri*"

Rat id-digriet tagħha mogħti fil-15 ta' Diċembru 2021 fejn għall-fini tal-Artikolu 10 tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama (Kap. 579), ordnat is-smigħ tal-provi biex il-kawża tiġi trattata u deċiża minnha;

Semgħet ix-xhieda kollha;

Rat id-dokumenti kollha esebiti u l-provi kollha prodotti mill-partijiet;

Semgħet is-sottomissjonijiet orali tal-abbli avukati tal-partijiet fl-udjenza tal-4 ta' April 2023;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Mill-provi jirriżulta li l-attur Conrad Borg Manche huwa s-Sindku tal-Kunsill Lokali tal-Gżira, kariga li ilu jiġi elett fiha għal diversi snin bħala kandidat tal-Partit Laburista, filwaqt li l-konvenut huwa kunsillier fl-istess Kunsill Lokali u kien ġie elett għall-ewwel darba fl-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali tal-2019. Il-Qorti fehmet ukoll illi l-partijiet kienu ħbieb għal diversi snin iżda din il-ħbiberija spiċċat wara li l-konvenut ġie elett bħala Kunsillier, minħabba diżgwid bejniehom fuq kwistjonijiet politiċi.

Il-kumment impunjat nibet oriġinarjament minn post ta' Dr. Robert Metsola li ġie mtella' mill-konvenut fuq il-profil tiegħu fuq Facebook, fejn huwa tenna l-kliem : « *Irrid li din il-mentalita' tribali ta' blu vs aħmar f'pajjiżna tisparixxi darba għal dejjem. ...* »

Il-konvenut, minnufih wara li tella' dan il-post, ippubblika s-segwenti stqarrija fejn indirizza lill-attur direttament: « *Ipokerita meta tajd lil xi hadd go laqgha li xi haggq* (*sic.*) *ma taqbilx magħha ubat (sic.*) *tmur tajda* (*sic.*) *li int hierg bidea hallina sur manche.* » Dan il-kumment imbagħad xpruna battibekk sħiħ bejn il-partijiet b'kummenti botta u risposta dejjem fuq l-istess profil fuq Facebook tal-konvenut, fejn filwaqt li l-konvenut ikkritika lill-attur li bħala Sindku tal-Kunsill Lokali tal-Gżira ma għandux għal qalbu l-interessi tan-nies tal-lokal u li kellu bżonn jidħol mal-Gvern biex isib xogħol, l-attur ikkritika b'mod sarkastiku n-nuqqas ta' ħila akkademika tal-konvenut u għajru giddieb : « *Ara vera giddieb. Inkredibbli fejn tasal ilek tafni kemm għandek żmien u tasal biex tigdeb hekk ? Imessek tistħi.* » Għal liema dikjarazzjoni l-konvenut wieġeb :-

« *l-aqwa mux nitlob ma rettur ta' Universita biex nadi (sic.) mil ezami lil andi blokka tija u gob tal- gvern.*"

Din hija l-istqarrija li qed tiġi impunjata mill-attur f'din l-azzjoni għal malafama.

Ikkunsidrat;

Illi fl-ewwel lok irid jiġi stabbilit jekk l-istqarrija impunjata tnissilx imputazzjoni diffamatorja għall-persuna aggravata.

Jinghad illi fl-istħarriġ tal-kwistjoni jekk fil-pubblikazzjoni impunjata, saritx imputazzjoni - inkluż naturalment wahda diffamatorja - fil-konfront tal-persuna aggravata, għandu jigi stabbilit jekk mill-kuntest sħiħ tal-pubblikazzjoni, persuna ordinarja u raġjonevoli ("*an ordinary, reasonable person*"), tkun kapaċi tifhem dik l-istqarrija bhala waħda li minnha raġjonevolment tinsilet l-imputazzjoni impunjata.

Huwa risaput ukoll illi l-imputazzjoni ma għandhiex necessarjament tkun wahda espressa jew diretta, purche' din tinftiehem mill-qarrej ordinarju mill-pubblikazzjoni nnfisiha, minghajr sforz u tigbid ta' interpretazzjoni u minghajr ħtieġa ta' għarfien speċjali jew referenza għal xi fatti li ma jirrizultawx mill-istess pubblikazzjoni jew xi spjegazzjoni sussegwenti.

Wara li rat l-istqarrija tal-konvenut, impunjata mil-attur, u minkejja l-iżbalji evidenti ta' ortografija, il-Qorti malajr fehmet li l-konvenut qiegħed jinsinwa f'dan il-kumment illi l-attur għadda minn xi eżami tal-Universita' bi pjaċir mingħand ir-Rettur tal-Universita.  Dan inissel f'moħħ il-qarrej ipotetiku ordinarju l-impressjoni illi l-attur jimxi b'nuqqas ta' etika biex jilħaq akkademikament, bil-korollarju ovvju li dan jagħmlu għaliex mhux kompetenti jilħaq bil-ħila tiegħu biss.

Indubbjament, din l-imputazzjoni hija dwar ksur ta' etika u nuqqas ta' kompetenza u għalhekk hi kapaċi tnaqqas il-kunfidenza jew il-fiducja pubblika fl-attur bħala persuna fil-politika u tiskreditah fil-funzjoni pubblika tiegħu Sindku tal-Kunsill tal-Gżira.  Dan meta l-kariga pubblika tal-attur tesiġi grad sostanzjali ta' serjeta`, integrita` u kontabbilita`.  Effettivament, din l-imputazzjoni, li hija dwar kondotta speċifika li tissuġġerixxi lill-qarrejja li l-attur juża l-pożizzjoni pubblika tiegħu biex jitlob għal pjaċiri biex javvanza akkademikament, hi kapaci toskura l-istima tal-attur f'ghajnejn

il-persuni li eleġġewh u s-socjeta` in generali[1] u jesponuh għar-redikolu, kif ukoll twassal għal ċertu element ta' stmerrija fil-konfont tiegħu[2].

Hu ġeneralment aċċettat fil-ġurisprudenza tal-qrati Inglizi kif ukoll lokali, illi imputazzjoni li minħabba f'xi kondotta partikolari, il-persuna aggravata huwa "*dishonest or a fraud, a hypocrite, dishonourable, immoral, or actuated by some improper motive, insolvent or unwilling to pay debts or incompetent or otherwise unfit for some role.*"[3], huma kkunsidrati bħala diffamatorji għaliex huma fihom infushom kapaċi jikkaġunaw ħsara serja lir-reputazzjoni.

Il-Qorti ma taqbilx illi l-kumment tal-konvenut jista' jitqies bħala semplici diskortesija ta' import żgħir jew bħala ċajta għaliex l-animosita' li teżisti bejn il-partijiet hi evidenti, kif anke stqarrew il-partijiet infushom fix-xhieda tagħhom quddiem il-Qorti. Għall-kuntrarju, tqis illi l-imputazzjoni hi propensa twassal għal "*a loss of standing in some respect ... on the part of right-thinking members of society generally*"[4]

Fis-sentenza reċenti **Lachaux v. Independent Press Limited**[5] ġie ritenut illi l-ħsara lir-reputazzjoni sseħħ sewwasew bil-fatt tal-pubblikazzjoni:-

"*It is at that stage that the harm to reputation will have occurred: even if there may also subsequently be (although not necessarily so) consequential damage*."

---

[1] *"the words will be defamatory because of the injury to his reputation in his trade, profession or office and that is enough."*

[2] *"Thus, even bearing in mind that the applicant is a politician, who "inevitably and knowingly lays himself open to close scrutiny of his every word and deed by both journalists and the public at large and must display a greater degree of tolerance" (see the Oberschlick (no. 2) judgment, cited above, § 29), the Court finds that the article at issue was indeed an understandable ground for indignation"* – **Andreas Walb v. Austria** [App. 24773/94] ECHR 21.3.2000.

[3] Fil-kaz celebri **Sim v. Stretch** - 1936, 2 All England Law Reports, 1237 (House of Lords, per Lord Atkin) - gie ritenut illi sabiex jigi stabbilit jekk l-istqarrija impunjata twassalx imputazzojni li hi diffamatorja, irid jigi affermat illi "*the words tend to lower the plaintiff in the estimation of right-thinking members of society generally*".

[4] Collins, *supra*, 6.29, pg. 123.

[5] 2017, EWCA Civ. 1334.

Skont Gatley, fil-kummenti tiegħu dwar din id-deċiżjoni, "*the words 'is likely to cause serious harm to reputation' should be taken as connoting a tendency to cause harm.*"[6]

Għalkemm l-attribuzzjoni tal-kondotta partikolari in diżamina tista' ma titqiesx bħala diffamatorja jekk tiġi diretta fil-konfront ta' persuni oħrajn, l-attribuzzjoni ta' din il-kondotta lill-attur bħala persuna li tokkupa funzjoni pubblika importanti, hija indubbjament diffamatorja fil-konfront tiegħu[7] għaliex fiha l-propensita' li tikkaġuna ħsara serja lir-reputazzjoni tiegħu ai termini tal-Artikolu 3(4) tal-Att.

"*The public position or character of a claimant is relevant to whether words complained of bear a defamatory meaning*"[8]

Kif xehed l-attur innifsu, bħala Sindku tal-Kunsill Lokali tal-Gżira huwa rappreżentant tal-poplu u bil-ħidma tiegħu matul is-snin għal-lokal u għall-kostitwenti, huwa bena reputazzjoni.

Kif qal Lord Nicholls of Birkinhead fil-kawża **Reynolds v. Times Newspaper Limited and Others**, deciza mill-House of Lords fit-28 ta' Ottubru, 1999:

*"Protection of reputation is conducive to the public good. It is in the public interest that the reputation of public figures should not be debased falsely."*

Għalkemm huwa minnu li l-limiti ta' kritika huwa ferm iktar wiesa' fil-każ ta' persuni pubbliċi, li huma mistennija juru ferm iktar tolleranza għall-kritika minn persuni privati li ma jipparteċipawx f'dibattiti pubbliċi jew jokkupaw karigi li inevitabbilment iqiegħduhom fl-arena pubblika, il-Qorti tqis illi l-fatt innifsu li l-persuna aggravata hija persuna pubblika ma jfissirx illi jistghu jsiru fil-konfront tieghu allegazzjonijiet u imputazzjonijiet diffamatorji b'impunita` u kif ġieb u laħaq u mingħajr l-użu ta'

[6] ***Gatley On Libel and Slander***, Second Supplement to the Twelfth Edition, 2017 (2.6, p. 10).
[7] **Church v. MGN Ltd**, citat f'Gatley, 2.12, pg 47 (footnote 93).
[8] **Dell'Olio v. Associated Newspapers Ltd** [2011] EWHC 3472 (QB) Tugendhat J.

diliġenza u prudenza, wisq inqas fuq pjattaforma bħalma hija l-midja soċjali li hi aċċessibbli minn firxa wiesa' ta' qarrejja kif ukoll għal żmien indefinittiv.

Ikkunsidrat;

Mill-provi jirriżulta illi fil-fatt, l-attur, fiż-żmien tal-pubblikazzjoni, kien qed jaqra għall-kors tal-liġi fl-Universita' ta' Malta. Huwa jiċħad, madankollu, li qatt talab għal pjaċir mingħand xi ħadd, wisq inqas mingħad ir-Rettur tal-Universita', biex jgħaddi minn xi eżami.

Fil-fatt, mix-xhieda tal-Professur Alfred Vella, ir-Rettur tal-Universita' ta' Malta, jirriżulta li huwa jaf lill-attur biss għaliex kienu skambjaw xi emails u kienu ltaqgħu darba biex jiddiskutu proposta li kien ressaq l-attur biex in-nies tal-Gżira jużaw xi riżorsi sportivi tal-Universita'. Sostna li ma jafx li l-attur huwa wkoll student tal-Universita' u ma kienx mar ikellmu fil-kapaċita' tiegħu ta' student iżda bħala Sindku.

Il-konvenut jinsisti fix-xhieda tiegħu illi kien l-attur li ta bidu għall-iskambju ta' messaġġi u dan wara li huwa kien tella' video ta' Dr. Roberta Metsola fuq il-profil tal-Facebook tiegħu. Xehed illi l-attur beda jgħajru ripetutament u jinsulentah anke dwar l-iżbalji fil-kitba tiegħu, liema tgħajjir ġiegħlu jħossu skomdu għaliex huwa akkademikment batut. Għalhekk huwa rrejaġixxa u wieġeb għall-attakki tal-attur billi għadda l-kumment impunjat, kumment li bih huwa ried ifisser kif bħala Sindku, l-attur la kien għamel xejn biex iwaqqaf lill-Universita' ta' Malta fil-proġetti li ssuġġeriet, u lanqas ressaq xi proposti għall-Gżirjani.

Il-Qorti tirravviża f'din ix-xhieda tal-konvenut, tenattiv biex jiġġustifika l-pubblikazzjoni tal-istqarrija impunjata bħala waħda privileġġjata, konsistenti f'risposta għal attakk li ġie mniedi fil-konfront tiegħu mill-attur innifsu. Din id-difiża m'hijiex waħda li ġiet invokata fir-Risposta tal-konvenut fejn, kif rajna, huwa ddefenda l-pubblikazzjoni bħala fair comment, jew kif inhi aħjar magħrufa llum, opinjoni onesta.

Wara li rat l-iskambju ta' messaġġi bejn il-partijiet, konsistenti f'litanija ta' sarkażmu u tgħajjir fil-konfront ta' xulxin, xprunat mill-kumment tal-attur fejn għajjar lill-konvenut ipokrita għaliex tella' video b'messaġġ li skont l-attur, mhux imħaddan mill-konvenut fil-mod li jġib ruħu fil-Kunsill, il-Qorti tosserva illi l-istqarrijia impunjata, pubblikata mill-konvenut, ġiet ippubblikata bħala rejazzjoni għall-*posts* tal-attur. Fil-fatt, immedjatament qabel, l-attur tella' tliet posts konsekuttivi fejn għajjar lill-konvenut injorant u giddieb. Il-Qorti għalhekk taqbel illi f'dawn iċ-ċirkostanzi l-konvenut kien ġustifikat jirrejaġixxi għal dan l-attakk fuq ir-reputazzjoni tiegħu.

Gatley[9], fil-kummenti tiegħu dwar dan l-aspett tal-prinċipju ta' dikjarazzjonijiet li jsiru f'okkażjonijiet privileġġjati, jgħid hekk:-

"*... a person whose character or conduct has been attacked is entitled to answer such attack, and any defamatory statements he may make about the person who attacked him will be privileged,* ***provided they are published bona fide and are fairly relevant to the accusations made***."[10] (emfasi tal-Qorti)

Dan il-prinċipju jikkonċedi lill-persuna li jħoss li r-reputazzjoni tiegħu ġiet inġustament attakkata bil-pubblikazzjoni ta' imputazzjonijiet malafamanti, il-privileġġ li jwieġeb għall-imputazzjonijiet magħmula fil-konfront tiegħu permezz ta' tweġiba li tiġi ppubblikata bħala att ta' leġittima difesa bil-ħsieb li tirribatti l-imputazzjonijiet malafamanti u tattakka l-kredibbilita' ta' min beda l-attakk. Fir-rigward, Collins ifisser li dan il-privileġġ huwa disponibbli fl-okkażjoni ta' attakk fuq il-karattru, kondotta jew interessi ta' persuna, fejn dik il-persuna ikollha "*... an interest in responding to that attack in the requisite sense, and those to whom the attack was published have a corresponding interest in receiving the person's response to the attack.*"[11]

[9] **Gatley on Libel and Slander**. 2013 Ed.
[10] *Ibid*. 14.51, p. 596.
[11] **Collins On Defamation**: Matthew Collins QC, 2014 Ed., 11.22 p. 233.

Jiċċita d-deċiżjoni fil-każ **Hamilton v. Clifford** (2004) EWHC 1542 (QB)[12] fejn ġie ritenut:-

"*The defendant would be entitled to protect his reputation by a proportionate response which was appropriate both in terms of subject matter and scale of publication. In order for a defendant to avail himself of this form of privilege,* ***the response should not go into irrelevant matters or, in particular, cross over into an attack on the integrity of the claimant if it is not reasonably necessary for defending his own reputation****.*" (emfasi tal-Qorti)

Huwa aċċettat illi dan il-privileġġ jgħodd minkejja li t-tweġiba jkun fiha fatti jew imputazzjonijiet foloz jew sottomissjonijiet skorretti purche' t-tweġiba tkun relevanti għall-okkażjoni, proporzjonata u ssir mingħajr malizzja[13]

Fil-fatt, huwa ritenut illi l-persuna – bħall-konvenut fil-każ odjern - li tiddefendi ruħha kontra attakk bħal dan permezz tal-pubblikazzjoni ta' risposta, tgawdi minn parametri wiesa' fid-difiża tar-reputazzjoni tagħha u hija intitolata li tippubblika risposta robusta anke biex timmina l-kredibbilita' ta' min ikun immalafamaha u tista' twieġeb iktar minn darba[14]: "*the law does not concern itself with niceties in such matters*"[15].

Iżda fil-każ li għandha quddiemha, il-Qorti tqis illi l-konvenut eċċeda l-limiti tal-okkażjoni u minflok ma kompla jimmina l-kredibbilita' tal-attur u jikkritikah fir-rwol tiegħu ta' Sindku, kif del resto kien qed jagħmel iktar qabel fl-iskambju, attakka l-integrita' tal-attur bi stqarrija li mhux biss ma ġiex ippruvat il-verita' sostanzjali tagħha, iżda li tagħmel l-allegazzjoni speċifika u mhux sempliċement ġenerika, li l-attur jgħaddi mill-eżamijiet biss għaliex jitlob lir-Rettur jgħaddih bi pjaċir. Allegazzjoni li kif rajna, tnissel imputazzjoni ta' diżonesta' kif ukoll nuqqas ta' kompetenza da parti tal-attur, liema imputazzjonijiet fil-fehma tal-Qorti, imorru ferm

---

[12] Per Eady J. P. 65 – Collins *ibid.* 11.23, p. 234.
[13] **Hunter v Ward** (1859) 6 C.B (N.S.) 514 at 517.
[14] Puche' r-risposti jkunu proporzjonati, raġjonevoli u relevanti.
[15] **Turner v. MGM Pictures** – ċitat f'Gatley, *bid.* 14.51. p. 597.

lil hinn mill-parametri tas-soġġetta materja tal-battikbekki bejn il-partijiet dak il-ħin fejn evidentement il-konvenut kien qed jikkritika lill-attur fil-funzjoni tiegħi bħala sindku tal-Gżira fejn attribwilu nuqqas ta' interess fl-affarijiet tal-Kunsill u nuqqas ta' azzjoni u ta' ideat fi ħdan il-Kunsill, fost oħrajn.

Il-ġurisprudenza paċifika in materja tirritjeni illi anke jekk l-istqarrijiet li jsiru fir-risposta għall-attakk huma foloz u saħansitra diffamatorji, dawn għandhom jibqgħu jitqiesu bħala privileġġjati jekk jintwera li dawn kienu b'mod ġenerali konnessi mat-tema tal-attakk u raġjonevolment meħtieġa għad-difiża tar-reputazzjoni tal-persuna li twieġeb għall-attakk. Iżda fil-każ in diżamina, filwaqt li hu minnu li l-attur għajjar lill-konvenut ipokrita, giddieb u injorant in konnessjoni mal-allegazzjonijiet li kien qiegħed jagħmel b'rabta mal-ħidma tal-attur bħala Sindku tal-Kunsill Lokali tal-Gżira, liema tgħajjir indubbjament jikkostitwixxi attakk fuq ir-reputazzjoni tal-konvenut u kien jimmerita u jesiġi risposta, ir-risposta tal-konvenut la kienet proporzjonata u lanqas kienet maħsuba biex jiddikjara l-verżjoni tiegħu tal-allegazzjonijiet li għamel preċedentement, li dwarhom l-attur għajru giddieb u ipokrita, jew biex igiddeb lill-attur innifsu. L-imputazzjoni li għamel il-konvenut hija dwar kondotta speċifika fejn l-attur mexa jew jimxi b'nuqqas ta' integrita', intiża biex tattakka l-karattru tal-attur, timmina l-kredibbilita' tiegħu fir-rwol pubbliku tiegħu ta' Sindku u tiskreditah ukoll fuq livell personali, imputazzjoni li għall-Qorti huwa ovvju li ma saritx in buona fede u żgur ma kienetx meħtieġa jew relevanti biex jilqa' għat-tgħajjir tal-attur u jew għad-difiża tar-reputazzjoni tal-konvenut.

*Any imputation which reflects adversely upon a person's character, that is, which expresses or implies some blame to or moral disparagement of, the person – will tend to lower the person in the estimation of reasonable people."*[16]

Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi d-dikjarazzjoni ppubblikata mill-konvenut, impunjata f'din il-kawża, teċċedi l-limiti tal-okkażjoni privileġġjata in diżamina.

---

[16] Collins, *supra*, 6.20 u 6.21. Ara wkoll **Berkoff v. Burchill** – per Neil LJ [1997] EMLR 139 (CA)

Madakollu, dan premess, il-fatt illi din l-istqarrija kienet risposta għall-attakki tal-attur u kienet biss waħda fost sensiela sħiħa miż-żewġ partijiet ta' battibekki mingħajr ebda valur u xejn dinjitużi għal żewġ persuni eletti f'kariga pubblika, sejjer jittieħed in konsiderazzjoni għall-fini tal-likwidazzjoni tad-danni.

Ikkunsidrat;

Dan stabbilit, il-Qorti trid tistħarreġ is-siwi tal-eċċezzjoni sollevata mill-konvenut, li l-pubblikazzjoni tammonta għal fair comment dwar fatti sostanzjalment veri.

Il-Qorti tibda biex tosserva illi l-konvenut jeccepixxi li l-istqarrija pubblikata minnu jikkostitwixxi kumment ġust. Għandu jingħad illi d-difiża ta' *fair comment*, filwaqt li ma kienetx prospettata espressament fil-Kap. 248 iżda kienet rikonoxxuta u assodata fil-ġurisprudenza dwar il-liġi tal-malafama, ma tissemmiex lanqas fl-Att dwar il-Midja u l-Malafama (Kap. 579)[17]. Madanakollu, din id-difiża ġiet kodifikata statutorjament bin-nomenklatura "*opinjoni onesta*"[18] u tinsab regolata mill-istess kriterji li jsawru d-difiza magħrufa bħala *honest opinion* fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3 tad-Defamation Act (UK) 2013, kriterji li huma iktar wiesa' minn dawk li kienu ġew żviluppati mill-ġurisprudenza għas-suċċess tad-difiża tal-*fair comment.* Dan seħħ bil-għan evidenti li jkompli tiġi aġevolata l-liberta' tal-espressjoni u għalhekk hija l-fehma tal-Qorti li d-difiża tal-opinjoni onesta maħsuba fl-Artikolu 4(2) tal-Att ma għandhiex titqies bħallikieku hija xi kunċett innovattiv li jikkostitwixxi difiża sostantivament differenti minn dik tal-kumment ġust għaliex effettivament tirrappreżenta fis-sostanza dik li qabel kienet tissejjaħ *fair comment.* Kemm hu hekk, dawn iz-zewġ difiżi entrambi jsibu riskontru biss f'każ li l-istqarrija allegatament diffamatorja tikkostitwixxi dikjarazzjoni ta' opinjoni u mhux stqarrija ta' fatt.

Collins jgħid hekk fir-rigward tad-difiża ta' "*honest opinion*":-

---

[17] Minn hawn 'il quddiem imsejjha "l-Att".
[18] Artikolu 4(2) tal-Kap. 579.

"*... the common law defence of fair comment has been abolished .... and* ***replaced with a statutory defence of honest opinion that is intended for the most part to reflect the common law****.*"[19] [emfasi tal-Qorti]

Għalhekk, il-ġustizzja tesiġi li l-eċċezzjoni tal-konvenut ta' "*fair comment",* fir-Risposta tiegħu, titqies u tiġi trattata bħala eċċezzjoni ta' opinjoni onesta a tenur tal-Artikolu 4(2) tal-Att.

Il-Qorti tqis li l-fatt li saru imputazzjonijiet diretti u speċifiċi fil-konfront tal-attur dwar ir-raġuni għaliex jgħaddi mill-eżamijiet tal-Universita', jimponi fuq il-konvenut l-obbligu li jissostanzja dawn l-imputazzjonijiet billi juri li għandhom bażi fattwali sufficjenti anke biex juri li huwa agixxa in *buona fede* meta ppubblika l-istqarrija impunjata. Iżda l-konvenut baqa' ma ressaq ebda prova biex juri li l-attur jgħaddi mill-eżamijiet għaliex "jintgħoġob" mar-Rettur. L-allegazzjoni li għamel fix-xhieda tiegħu bl-Affidavit li l-attur qatt ma ġġieled biex il-fondi miġbura mill-Iskema tal-Awtorita' tal-Ippjanar dwar il-parkeġġ bir-riżultat li dawn marru kollha għal proġetti tal-Universita', anke jekk ġiet sostanzjata, ma tistax raġjonevolment twassal biex tiġġustifika l-istqarrija li l-attur għamel xi pjaċiri lir-Rettur biex għadda mill-eżamijiet.

Mill-provi jirriżulta li l-attur ilu attiv fil-politika ghal diversi snin u għalhekk bhala persuna pubblika huwa mistenni li jkun fil-mira ta' kritika u skrutinju mill-pubbliku in generali, b'rabta mar-rwol politiku tieghu. Huwa minnu wkoll illi l-limiti ta' kritika accettabbli huma ferm iktar wiesa' kwantu ghall-persuna politika li, konsegwentement, hija mistennija li turi iktar tolleranza ghall-kritika u espressjonijiet ta' opinjoni li jsiru fil-konfront taghha.

Fid-decizjoni taghha, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz ta' **Feldek v. Slovakia**[20], gie ritenut:-

---

[19] On Defamation, *supra,* 9.03, p. 188.

[20] App. No. 29032/95, deciz 12 ta' Lulju 2001 ECHR.

"*74. The Court further recalls that there is little scope under Article 10 § 2 of the Convention for restrictions on political speech or on debate on questions of public interest (see Sürek v. Turkey (no. 1) [GC], no. 26682/95, § 61,ECHR 1999-IV). Moreover, the limits of acceptable criticism are wider as regards a politician as such than as regards a private individual. Unlike the latter, the former inevitably and knowingly lays himself open to close scrutiny of his words and deeds by journalists and the public at large, and he must consequently display a greater degree of tolerance (see Lingens v. Austria, judgment of 8 July 1986, Series A no. 103, p. 26, § 42, or Incal v. Turkey, judgment of 9 June 1998, Reports 1998-IV, p. 1567, § 54).*"

Madanakollu, fl-istess waqt il-Qorti tosserva illi l-imputazzjoni li ghamel il-konvenut fil-*post* tieghu, ghalkemm hija diretta fil-konfront ta' politiku u kwindi persuna pubblika, **ma ghandha x'taqsam assolutament xejn mat-twettiq tal-funzjonijiet pubblici tieghu jew ghall-kondotta tieghu fuq livell politiku jew professjonali jew mar-rwol tieghu fi hdan il-Kunsill Lokali tal-Gżira.**

Intqal in propositu illi "*... right-thinking members of society, for example, may understand attacks by politicians on one another, not imputing some base, dishonourable or dishonest motive or hypocrisy, to be fair game in the context of the modern political struggle.*" – ara **Waterson v. Lloyd** [2013] EWCA Civ. 136, paras. 42, 66.

M'hemm xejn fl-atti u fil-provi li jikkonvinċi lill-Qorti li persuna onesta setgħet kellha l-istess opinjoni li huwa esprima fil-pubblikazzjoni impunjata, ċioe' li l-attur irid jingħoġob ma' jew jitlob lir-Rettur biex jgħaddih mill-eżamijiet. L-oneru hu mixħut fuq il-konvenut biex iressaq il-provi meħtieġa biex juri x'inhuma l-fatti li abbażi tagħhom persuna onesta setgħet kellha l-opinjoni li l-attur aġixxa b'kondotta opportunistika bħal din, nieqsa mill-etika, biex jilħaq fl-istudji tiegħu iżda huwa baqa' ma ssodisfax dan l-oneru. Kif diġa' ngħad, l-allegazzjoni li għamel il-konvenut fl-istqarrija impunjata, ma għandhom x'jaqsmu assolutament xejn mat-twettiq tal-funzjonijiet pubbliċi tal-attur mal-kondotta tiegħu fuq livell politiku fi ħdan il-Kunsill

Lokali tal-Gżira, u ma jikkontribwixxu assolutament xejn għal dibattitu ta' interess pubbliku ġenerali.

Ikkunsidrat;

Għall-fini tal-likwidazzjoni tad-danni morali dovuti għall-malafama, il-Qorti ħadet qies diversi fatturi fosthom il-fatt illi għalkemm l-istqarrija malafamanti ġiet pubblikata fuq pjattaforma tal-midja soċjali u għalhekk hi kapaċi li tibqa' aċċessibbli indefinittivament, fl-istess waqt jirriżulta li l-profil tal-konvenut fuq Facebook għandu huwa segwit minn biss elf, sitt mija u tlett (1,603) persuni. Għalhekk in-numru ta' qarrejja li lilhom ġie ppubblikat dan il-kumment huwa limitat. Qieset ukoll il-fatt illi l-konvenut ma offra ebda apoloġija lil-attur.

Fl-istess waqt, ġie kkunsidrat ukoll li din l-istqarrija kienet evidentement xprunata mill-attakki tal-attur innifsu u kienet biss waħda fost sensiela sħiħa ta' kummenti ossia battibekki bejn il-partijiet fuq dan il-profil fuq Facebook u l-fatt li bejniethom jeżisti diżgwid evidenti. Il-Qorti ma tistax ma tieħux in konsiderazzjoni wkoll il-fatt illi ma jirriżultax illi l-attur sofra ħsara attwali lir-reputazzjoni tiegħu.

Għaldaqstant il-Qorti hi tal-fehma li għandha tillikwida s-somma ta' ħames mitt Euro (€500) in linea ta' danni morali.

**Il-Qorti tirribadixxi, kif diġa' affermat f'diversi sentenzi preċedenti, illi l-jedd ghal-liberta` tal-espressjoni ma jista' qatt jigi interpretat bħallikieku jagħti protezzjoni lil min jippubblika kif ġieb u laħaq fuq medium li huwa aċċessibbli lil firxa wiesa' ta' qarrejja u aċċessibbli wkoll indefinittivament, imputazzjonijiet li huma kapaci jew li effettivament iħassru r-reputazzjoni ta' individwu mingħajr ma jagħmel l-aċċertazzjonijiet u verifiki neċessarji biex jara li dak li jkun qed jiġi ppubblikat huwa fattwalment korrett, talanqas in sostanza, u mingħajr ma jwieżen u jgħarbel il-kummenti tieghu qabel ma jippubblikahom.**

**Għal dawn il-motivi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenut, tilqa' t-talba tal-attur CONRAD BORG MANCHE, tiddikjara li l-post imtella' fuq Facebook fl-14 ta' Marzu 2021 u bil-kliem "jintoghġob mar-Rettur tal-Universita' biex jghaddi mill-ezami" huwa libelluż u malafamanti fil-konfront tal-istess attur u tikkundanna lill-konvenut SHAUN FARRUGIA jħallsu s-somma ta' ħames mitt Euro (€500) in linea ta' danni morali.**

**L-ispejjeż iħallashom il-konvenut.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**